MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 330/2011

**Peter Cassar ID 26143M**
**hala amministratur tal-kondominju Navarino**

**vs**

**B. Tagliaferro & Sons Limited**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ, ir-Rikorrent, bhala Amministratur tal-Condominium Navarino Court, Navarino Flats, Luzio Junction, Sliema, qed jitlob minghand is-Socjeta' Intimata il-hlas ta' elf, mija, tnejn u tmenin Ewro bhala sehemha mill-ispejjes tal-condominium ghas-snin 2006-2011.

**Ra** li s-Socjeta' Intimata ressqet RISPOSTA li fil-qosor l-eccezjonijiet huma hekk:-

1. Prova tal-hatra ta' Amministratur.
2. Prova li l-hatra hi skond il-ligi.
3. Prova ta' awtorizazzjoni mil-laqgha skond il-ligi tal-condominium.
4. Irid jintwera x'jirraprezenta dak mitlub.

5. Skond art 31(3) tal-Att dwar il-Condominium, l-art 16 mhux applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz.
6. Ezenzjoni mill-hlas billi s-socjeta' Intimata ma bbenefikatx mil-infieq.
7. Il-hlas li qed jintalab kien isir mill-inkwilini tal-qasam separat appartamenti lis-socjeta' eccipjenti u ghalhekk tali obbligu baqa jaqa fuq l-inkwilin.
8. Allegazzjoni ta' lesjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tas-Socjeta' eccipjenti

**Ra** li fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2011 il-*quantum* gie ridott ghal €932.00 kif imfisser fin-nota *a fol* 9.

**Ra** li fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2011 it-TRIBUNAL irrileva li l-eccezzjonijiet nru 5, 6 u 7 jindikaw inkompetenza tieghu u talab trattazzjoni dwar dan u fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2011 ordna l-inversjoni tal-provi.

II KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL:-

1. Sema lid-difensuri tal-partijiet u jqis li l-eccezzjonijiet huma parti ntegrali mill-kawza u l-kompetenza tat-TRIBUNAL tiddependi sew mit-TALBA kif ukoll mill-ECCEZZJONIJIET darba li dawn ma jkunux jistghu jitqiesu bhala frivoli u versatorji.

2. Kif zviluppa quddiem it-TRIBUNAL mhemmx semplici "money claim" anke jekk din titqies fis-sens wiesgha taghha kemm jista jkun u kif imfisser mill-Gurisprudenza.

3. Hawn qed tigi attakkata l-validita' u kostituzzjonalita' ta' ligi li hi l-bazi tat-TALBA u dan imur 'l hinn mill-kompetenza ta' dan it-TRIBUNAL.

DECIZJONI

Meeqjus dak imfisser hawn fuq it-TRIBUNAL jiddikjara ruhu nkompetenti *ratione materiae* li jkompli jisma dan l-AVVIZ. Bla pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-partijiet.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha bejn il-partijiet jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------